MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 376/2006

**Dr. Mario Scerri**

**v.**

**Antoinette Martin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba minn Dr. Mario Scerri kontra Antoinette Martin talli fl-4 ta' Awissu 2000 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Dr. Mario Scerri MD, weggghetu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b' disinji, jew b'xi mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar 2002 li permezz taghha ddecidiet li l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-difiza li l-bazi tal-kwerela huma dokumenti privileggati a tenur ta' l-artikolu 33(b) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta

setghet tigi sollevata fl-istadju li giet opposta ghall-akkuza mill-kwerelant, is-sentenza tat-2 ta’ April 2003 fejn iddecidiet illi l-eccezzjoni preliminari msemmija kienet ammissibbli u s-sentenza tas-16 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Antoinette Martin hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u lliberatha minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-kwerelant Dr. Mario Scerri pprezentat fl-24 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-imsemmija sentenzi appellati, tiddeciedi li d-difiza taht l-Artikolu 33(b) tal-Kap. 248 mhix difiza valida ghal akkuza taht l-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 u konsegwentement tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il-procediment jissokta skond il-Ligi;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2007 fejn Dott. Giannella Caruana Curran ghall-kwerelata appellata eccepiet n-nullita` tar-rikors ta’ appell peress illi Antoinette Martin prezenti ghas-seduta mhijiex l-istess Antoinette Martin fit-tahrika u c-citazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti l-ewwelnett sejra tittratta l-eccezzjoni preliminari ta’ l-appellata fejn qieghda ssostni illi r-rikors ta’ appell huwa null peress illi mhijiex l-istess Antoinette Martin msemmija fit-tahrika u c-citazzjoni.

Fl-*avviso di comparire* l-kwerelata giet deskritta bhala “Antoinette Martin ta’ 45 sena, bint Giuzeppe Attard u Gaetana nee` Chetcuti mwielda l-Canada fid-9 t’Awissu 1955 u toqghod ‘Highclere’ Flat 9, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar ID Card No: 0019173(A)”. Quddiem din il-Qorti dehret Antoinette Martin assistita minn Dott. Giannella Caruana Curran u gie ndikat illi l-imsemmija Antoinette Martin kienet bint Lorenzo Depasquale u Rose

nee` Grech, imwielda Malta fl-1 ta’ Novembru 1952 u kienet toqghod Block B, St. Peter’s Flat 4, Triq il-Villeggatura, San Pawl il-Bahar, ID Nru 794452(M). M’hemm l-ebda dubju li l-persuna li dehret quddiem din il-Qorti hija l-istess persuna li dehret quddiem l-ewwel Qorti u li l-abbli difensur taghha lmentat li kienet ilha tidher quddiem il-Qorti sa mill-2001. Hija kienet taf sa mill-bidu nett kif kienet giet deskritta fl-*avviso di comparire* izda, minn ezami ta’ l-atti kollha ma jirrizulta minn imkien li ssollevat dan, l-anqas wara li nghataw l-ewwel zewg sentenzi preliminari fejn gew riprodotti l-istess partikolaritajiet (bhalma gara wkoll fil-kaz tas-sentenza finali ta’ dik il-Qorti).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rose Jane Zammit**, 3 ta’ Frar 1995, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

**“Kieku dan kien kaz ta’ kumpilazzjoni – li allura kien ifisser imputazzjoni ta’ reati ferm aktar serji minn dawk addebitati lill-appellata odjerna – il-Qorti Istruttorja kienet tistaqsi lill-imputata isimha u kunjomha, l-eta` taghha, il-post fejn twieldet u fejn toqghod, is-sengha, professjoni jew stat iehor taghha, isem u kunjom missierha u jekk dan missierha hux haj jew mejjet (artikolu 392(1)(a) tal-Kap. 9). Fil-prassi kemm tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll ta’ din il-Qorti, meta persuna taghti f’dan il-kaz isem jew kunjom li jirrizulta li jkun zbaljat, ma tistax wara tikkapitalizza fuq dak l-izball biex tevadi l-gustizzja (ara f’dan is-sens *Il-Pulizija v. Charlie Zammit*, App. Krim. 30/11/90 u *Il-Pulizija v. Karl Muscat u Derrick Burdett*, App. Krim. 28/5/93). Din il-Qorti b’ebda mod m’hi tghid li l-appellata ppruvat tidhaq jew tizvija lill-ewwel Qorti jew lil din il-Qorti; anzi din il-Qorti tapprezza li l-appellata, fl-istadju ta’ appell, iddikjarat li hi kienet fil-fatt dehret fis-seduta tad-29 ta’ Lulju, 1994; dak li qed tghid din il-Qorti hu li jirrizulta li l-appellata qaghdet, cioe` ssokkombiet u wiegbet ghall-isem jew ahjar kunjom ‘Zammit’ (il-kunjom taghha mizzewga) u dan jekwivali fil-fehma tal-Qorti ghal dikjarazzjoni quddiem l-ewwel Qorti li hi kunjomha Zammit.”**

Bl-applikazzjoni ta’ dan it-taghlim ghall-kaz odjern ifisser illi Antoinette Martin prezenti quddiem din il-Qorti, li hija l-istess Antoinette Martin li ghal diversi snin dehret quddiem l-ewwel Qorti, ma tistax issa tikkapitalizza fuq l-izball persistenti li ttiehed minhabba li hija stess zammet lura milli tiddikjara x’kienu l-partikolaritajiet veri taghha. Jigifieri ma jistax ikun hemm kwistjoni dwar l-identita` ta’ l-appellata. Ghal kull bwon fini, pero`, qed jigi dikjarat, issa li l-appellanti stess qed tiddikjara li l-partikolaritajiet taghha huma dawk indikati hawn fuq, li l-persuna li giet u li qieghda tigi processata hija Antoinette Martin bint Lorenzo Depasquale u Rose nee` Grech, imwielda Malta fl-1 ta’ Novembru 1952 u kienet toqghod Block B, St. Peter’s Flat 4, Triq il-Villeggatura, San Pawl il-Bahar, ID Nru 794452(M). Ghalhekk din l-ewwel pregudizzjali qed tigi michuda.

Issa, l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa li l-kwerelata nghatat il-beneficcju ta’ difiza li ma tezistix fil-Kodici Kriminali u li l-legislatur ghazel li jikkoncediha biss fil-kazi ta’ imputazzjonijiet taht il-*Press Act*. Jghid li l-kwerela maghmula minnu mal-Pulizija kienet tikkontempla biss l-imputazzjoni msemmija fl-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 u ghalhekk cirkoskritta b’dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fl-imsemmi artikolu.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et** deciza fl-20 ta’ Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91), l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-*Press Act*. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kenitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:

**“Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar ‘stampat b’<u>tipi</u> tipografici” (*‘printed in typographical <u>characters</u>’*, fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-<u>process</u> tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed**

**jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku (*'composing type and printing from it'*, Collins English Dictionary, *'v. typography'*), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, *phototypesetting*, l-uzu ta' *typewriter*, l-uzu ta' *printer* tal-komjuter, diversi forom ta' *offset printing*) hu rrelevanti.**

**Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248. Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet *Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit* u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-*typewriter*, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet *Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs Publio Schembri*);**

**Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser:**

**'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra';**

**L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-**

**segretarjat tieghu hi ukoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru. Fejn il-ligi riedet li certi pubblikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet ikunu privileggati fis-sens li ebda azzjoni ma tkun tista' tittiehed dwarhom, dan qalitu espressament – ara l-artikolu 33 tal-Kap. 248 u l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (Kap. 326).”**

F'dan il-kaz huwa minnu illi d-dicitura adoperata fl-imputazzjoni tirrispekkja dak li jipprovdi l-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali. Izda bhalma ntqal fis-sentenza ta din il-Qorti diversament presjeduta **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** tal-25 ta' Lulju 1994 “ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *“La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore”* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Zarb Adami).**” Fil-kaz in ezami l-kwerelant appellant ilmenta li gie mmalafamat b'ittra miktuba mill-kwerelata appellata fil-kwalita` taghha ta' *midwife* fl-Isptar San Luqa lill-*Medical Administrator* fl-4 ta' Lulju (*recte:* Awissu) 2000. L-ittra in kwistjoni, bhall-ittra fis-sentenza citata **Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et**, jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk, bhalma l-ittra f'dak il-kaz kienet tikkwalifika

bhala “stampat” ghall-finijiet tal-Kap. 248, l-ittra ta’ l-appellata ta’ l-4 ta’ Awissu 2000 tikkwalifika wkoll bhala “stampat” ghall-finijiet tal-Kap. 248. Jigifieri huma applikabbli ghal dan il-kaz id-disposizzjonijiet tal-Kap. 248.

Issa, l-artikolu 33 tal-Kap. 248 jipprekludi milli tittiehed azzjoni dwar, fost ohrajn, pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f’komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici. M’hemm l-ebda dubju li kemm il-kwerelata appellata kif ukoll Dr. Frank Bartolo huma ufficjali pubblici u ghalhekk il-komunikazzjoni li kien hemm bejniethom konsistenti fl-ittra tal-kwerelata lil Dr. Bartolo ta’ l-4 ta’ Awissu 2000 ghandha titqies bhala komunikazzjoni privileggata. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-kwerelata appellata hi gustifikata. Ghalhekk l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------